# **Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**

Il-Ħadd 26 ta' Marzu 2017

Ir-IV Ħadd tar-Randan

Sena A

**Introduzzjoni**

Wasalna fir-Raba' Ħadd tar-Randan u l-liturġija tal-lum tistedinna sabiex ma nibżgħux inwieġbu għall-istediniet tal-Mulej.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (1 Sam 16, 1b.6-7.10-13a)

Alla għażel lil David sabiex ikun is-sultan ta' Iżrael.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 22)

Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.

**It-Tieni Qari** (Ef 5, 8-14)

San Pawl jgħid li Kristu huwa dak id-dawl li jegħleb kull tip ta' dlam.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 9, 1-41)

Il-Vanġelu tal-lum jurina li Ġesù jiftħilna għajnejna beraħ biex nemmnu fih.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien "Glorja u tifħir lilek, Kristu!".

**Offertorju**

Bħal David, Alla jagħżilna sabiex inkunu xhieda tiegħu f'din l-art. Ejjew f'dan il-mument noffru l-frott ta' din ix-xhieda tagħna.
Ejjew inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Alla jagħżel li jsir ħaġa waħda magħna fit-tqarbin. Min-naħa tagħna, irridu naċċettawh sabiex ninbidlu u nsiru bnedmin ġodda.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.